# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT SIMONE GRECH

## IL-PULIZIJA

**VS**

## LEON BORG

**ILLUM, 2 TA' OTTUBRU, 2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Leon Borg, bin Tracey Borg, imwieled fis-27 ta' Diċembru 1996, u joqghod 23, Triq Santa Tereza, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identità numru 0004897M, li permezz tagħhom ġie akkużat talli fl-1 ta' Ottubru 2016, għall-ħabta ta' 11.00hrs fi Triq Fleur De lys, B'Kara, saq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni KAO 132.

1. U b' nuqqas ta' ħsieb u bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku ħabat ma' vettura nru GBC 985, u involontarjament ikkaġuna ħsarat għad-dannu ta' Janica Marie Leaney;

2. U aktar meta b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Janica Marie Leaney skond kif iċċertifika Dr Jacob Vella MD mil-MDH;

3. Saq l-imsemmija vettura mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan mill-Awtorità Dwar it-Trasport ta' Malta jew mingħajr liċenzja tas-sewqan speċifikata għal dik il-vettura;

4. Saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata;

5. B'manjiera perikoluża;

6. U b'manjiera bla kont;

7. Saq l-istess vettura mingħajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

8. U talli saq jew ippermetta li titħalla l-istess vettura fi triq kemm ipparkjata kif ukoll jekk qed tintuża mingħajr ma' kienet liċenzjata mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, biex tintuża fit-triq;

9. Bħala persuna li għamel użu jew bħala s-sid tal-imsemmija vettura biddel, irranġa mill-ġdid jew ħassar marka ta' reġistrazzjoni ta' vettura bil-mutur jew xort' ohra bagħbas mal-pjanċi tar-reġistrazzjoni ta' vettura bil-mutur;

10. Għamel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu.

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta.

Rat l-affidavit ta' WPS 158 Gillian Henwood;

Rat l-affidavit ta' Stephen Cachia impjegat fid-Direttorat għat-Trasport fuq l-Art fi ħdan l-Awtorità għat-Trasport f'Malta;

Rat l-affidavit ta' Dottor Jacob Vella;

Semgħet il-provi;

Semgħet trattazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

Angelo Tabone xehed fl-1 ta' Marzu 2018, quddiem din il-Qorti kif diversament ippreseduta, fejn sostna li omm Leon Borg kienet tagħtu karozza tal-marka Ford Fiesta, bil-kulur aħmar u huwa kien ħa xi affarijiet minnha u imbagħad ġiet *scrapped.* Din il-karozza kienet fuq isem Tracy Borg. Sostna li huwa kien ħa xi fanali u affarijiet oħra relatati ma' xogħlu ta' *electrician.* Dan ġara madwar tlettax-il sena ilu.

Janica Marie Leaney xehdet quddiem din il-Qorti hekk kif ippreseduta fil-15 ta' Ottubru 2019, fejn spjegat li kienet qed issuq karozza tax-xogħol Suzuki, u kienet wieqfa ġo traffiku. Hi kienet sejra lejn id-direzzjoni ta' Santa Venera minn Birkirkara. Spjegat li minn warajha, hi semgħet xi tgħaqid tar-roti u x'ħin ħarset mill-mera, rat vettura ġejja b'veloċità waqqija. Spjegat li hija ndunat li din il-vettura kienet ser tibqa' dieħla ġo fiha. Sostna li din il-vettura għaddiet bejn il-karozza tagħha u karozza oħra li kien hemm maġenbha. Sostniet li qabel ma' għadda minn bejn il-vetturi, huwa baqa' dieħel minn wara fil-vettura tagħha u splodielha t-*tyres*. Sostniet li din il-karozza kienet BMW b'kulur skur. Lis-sewwieq, hija rat li kellu tpinġijiet fuq in-naħa tax-xellug fuq għajnejh. Spjegat li kellu żewġ demgħat. Sostniet li s-sewwieq kellu tpinġijiet f'għonqu u ma' jdejh. Madanakollu, mistoqsija tagħrafx lill-imputat bħala sewwieq, hija sostniet li mhiex ċerta, imma probabli s-sewwieq huwa l-imputat.

Spjegat li l-karozza li kienet qed issuq, kienet tal-kumpanija, u hi mhux is-sid tagħha. Il-vettura ġarrbet ħsarat tant li ġiet *total loss.* Kaġun tal-inċident, hija sofriet uġigħ f'dahrha. Spjegat li għal kull buon fini, hija ma għandha l-ebda interess fir-rigward tal-imputazzjoni mressqa dwar ġriehi sofferti minnha u in fatti, rrinunzjat għal tali imputazzjoni. Ikkonfermat li flimkien magħha, kien hemm missierha. Ikkonfermat li l-mara l-oħra kienet f'xokk kbir.

In kontroeżami, hija kkonfermat li s-sewwieq laqatha minn wara, u mbagħad, irnexxielu jgħaddi minn bejn il-vetturi. Wara l-impatt, dan is-sewwieq baqa' sejjer. Sostniet li hija qatt ma kellha l-opportunità li tkellem lil dan is-sewwieq.

Alan John Leaney spjega li huwa kien flimkien ma' bintu għall-inċident li seħħ fejn il-ħanut taż-żraben f'Valley Road, Birkirkara. Spjega li bintu kienet qed tistenna wara karozza oħra, meta semgħu twerżieq ta' tyres. Il-vettura misjuqa minn bintu, sofriet ħsarat fil-bumper ta'

wara u fir-rota. Is-sewwieq li ħabat mal-vettura baqa' sejjer. Mitlub jħares madwaru biex jara jagħrafx is-sewwieq, huwa qal li mhux jagħraf lil dan is-sewwieq peress li għadda ħafna żmien. Qal li l-mara l-oħra involuta fl-inċident kellha xokk qawwi.

Josephine Ciantar spjegat li hija kienet fil-karozza mar-raġel u f'daqqa waħda, ġiet karozza bejn il-vettura tagħha u l-vettura l-oħra li kienet fil-karreġġjata l-oħra tat-triq. Spjegat li dan is-sewwieq baqa' sejjer. Sostniet li hija kellha xokk kbir. Il-vettura tagħha ma sofriet l-ebda ħsarat. Sostniet li l-inċident seħħ madwar tliet snin ilu kif taqbeż il-karozzi tal-linja ta' Birkirkara.

In kontroeżami, hija spjegat li nsiet x'kienet il-karozza tagħha, imma jista' jkun li kienet Austin eleven hundred. Mistoqsija jekk tagħrafx is-sewwieq, hija qalet li taħseb li hu l-imputat, iżda mhiex ċerta.

Joseph Ciantar sostna li huwa kien niżel minn fejn ir-Roxy bil-karozza, u kien hemm karozza oħra tiela' mill-karreġġjata l-oħra. F'daqqa waħda daħlet karozza oħra bejniethom. Din il-karozza waqfet għal ftit, u mbagħad telqet. Spjega li huwa kien sejjer għal Wied ta' Birkirkara. Qal li l-karozza tiegħu ma ntlaqtitx, iżda l-karozza ta' ħdejhom intlaqtet fil-ġenb tagħha fuq in-naħa tax-xufier. Sostna li l-inċident sehh madwar sentejn ilu. Ikkonferma li l-inċident seħħ filgħodu. Spjega li l-mara tiegħu kellha xokk qawwi. Sostna li din il-vettura kienet għaddejja b'veloċità.

In kontroeżami, huwa sostna li kien qed isuq Renault elf. Spjega li huwa kellu vettura tal-marka Austin. Huwa sostna li l-mara tiegħu ma tifhimx fil-karozzi, u talab li din tiġi skużata għax ma tantx għadha tiftakar.

Tracy Borg li tiġi omm l-imputat, għażlet li ma tixhidx.

**Ikkunsidrat**

Din il-Qorti qieset il-provi miġbura. Irriżulta li ħadd mix-xhieda li kienu preżenti waqt l-inċident ma setgħu jagħrfu b'ċertezza li s-sewwieq involut f'dan l-inċident stradali, kien l-imputat. Ħadd minnhom ma seta' jikkonferma dan b'ċertezza.

In vista ta' dan, minkejja l-kontenut tal-*Full Road Traffic Accident Report*, u minkejja l-affidavit ippreżentat mill-uffiċjal tal-pulizija li nvestiga l-każ, din il-Qorti mhijiex konvinta lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, li kien proprju l-imputat li kien is-sewwieq tal-vettura in kwistjoni fil-ħin li seħħ dan l-inċident. Per konsegwenza, din il-Qorti ma tistax issib ħtija fl-imputat għall-ebda waħda mill-imputazzjonijiet imressqa fil-konfront tiegħu.

**Deċide**

**Għar-raġunijiet hawn fuq esposti, din il-Qorti qiegħda tillibera lil Leon Borg minn kull kundanna u ħtija.**

**Maġistrat Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**